MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 169/2012

**Spinola Development Company Limited**
**C 331**

**vs**

**Fredrik Schell, detentur tal-Passaport Svediz bin-numru 65665013 u Eva Pia Kistner, detentrici tal-Passaport Svediz bin-numru 09646264**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Mejju 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta’ sitt t’elef, hames mija u sebgha u disghin Euro u zewgt centezmi (€6,597.02) rapprezentanti hlasijiet dovuti lis-socjeta rikorrenti mill-intimat in konnessjoni ma’ l-

Apartament 13103, Portomaso Complex San Giljan, kif ahjar deskritt fl-avviz..

Bl-ispejjez u bl-imghax bi tmienja fil-mija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, u l-Kunsill Lokali ta' San Giljan u fil-post tal-konvenuti gewwa San Giljan, fil-5 ta' Novembru 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal John Francica datati 6 ta' Novembru 2012 (fol 26 tergo).

Rat illi il-konvenuti gew ukoll notifikati b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-13 ta' Novembru 2012 (fol. 25) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2012 (fol 20).

Illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 18).

Rat illi fis-seduti tas-16 ta' Novembru, 3 ta' Dicembru u 10 ta' Dicembru, lkoll 2012, il-konvenuti gew imsejjha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt t'elef, hames mija u sebgha u disghin Euro u zewg centezmi (€6,597.02) rapprezentanti hlasijiet dovuti lis-socjeta rikorrenti mill-intimat in konnessjoni mal-Apartament 13103, Portomosao Complex San Giljan, kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, ossija mis-7 ta' Mejju 2012 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------